

## RIŻOLUZZJONI

dwar id-Dikjarazzjoni tas-SAIs taż-żona tal-euro dwar il-verifika esterna tal-MES

CC-R-2011-01

**Il-Kumitat ta' Kuntatt,**

***filwaqt li jikkunsidra*** l-miżuri mfassla biex jegħleb il-kriżi tad-dejn sovrani f'uħud mill-pajjiżi taż-żona tal-euro li tikkostitwixxi theddida għall-istabbiltà fuq perjodu ta' żmien twil taż-żona tal-euro kollha;

***minħabba*** l-impatt li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) se jkollu fuq l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE kollha, b'mod partikolari l-importanza tal-munita unika bala politika prinċipali tal-UE, l-interdipendenza tas-27 ekonomija, il-fatt li l-MES qed jindirizza objettivi globali tal-governanza ekonomika tal-UE u r-rwol tal-Kummissjoni fit-tmexxija tal-proċess;

***filwaqt li jikkunsidra*** l-impenji tal-pagament u tal-garanzija li għandhom isiru mill-pajjiżi taż-żona tal-euro bis-saħħa tat-twaqqif tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u l-impatt tagħhom fuq il-baġits nazzjonali;

***ifakkar*** ir-responsabbiltà tas-SAIs biex jipromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza f'attivitajiet pubbliċi fejn huma involuti l-fondi pubbliċi;

***ifakkar*** li l-prinċipju għall-aqwa arranġamenti tal-verifika għall-istituzzjonijiet internazzjonali inklużi fl-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI) hu li l-istituzzjonijiet internazzjonali kollha ffinanzjati jew meqjuna mill-fondi pubbliċi għandhom ikunu soġġetti għall-verifika mill-istituzzjonijiet supremi tal-verifika, sabiex il-ġestjoni, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont jiġu promossi aħjar;

***jirrikonoxxi*** d-drittijiet u l-obbligi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tivverifika l-Istituzzjonijiet Ewropej, inkluża l-Kummissjoni, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

***jagħraf id-dikjarazzjoni*** tas-SAIs tal-pajjiżi taż-żona tal-euro żviluppata f'Bonn fis-27 ta' Settembru 2011 u li sar qbil dwarha fil-5 ta' Ottubru 2011, notevolment is-sejħa tagħha għall-ġoti ta' verifika pubblika esterna adegwata tal-MES mis-SAIs fil-liġijiet lokali li qed jitħejjew bħalissa u li se jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi tagħha;

**titlob** lill-aġent President biex jikkomunika din ir-riżoluzzjoni lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll lis-Segretarji Ġenerali tal-EUROSAI u l-INTOSAI;

**jiddeċiedi** li jagħmel din ir-riżoluzzjoni disponibbli fuq il-websajt tal-Kumitat ta' Kuntatt.

Il-Lussemburgu, l-14 ta' Ottubru 2011

Ir-Relatur tas-SAI: Is-SAI tal-Ġermanja

Il-Lingwa oriġinali: EN